MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Numru 496/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J FARRUGIA**

**VS**

**ANNE GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anne Gatt, bint Michael u Carmela nee' Fenech, ta' 33 sena, imwieled Birkirkara, nhar is-6 ta' Gunju, 1972, residenti fil-fond numru 27, Sqaq Ghar il-Gobon, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 244772 (M);

Akkuzata talli nhar l-24 ta' M ejju, 2006, minn gewwa l-fond numru 46, Sqaq il-Bicciera, Birkkara:

1. Ikkommettiet serq ta' proprjeta', u cioe' *mobile phone* tal-ghamla *Samsung SGH x660* u *SIM card* ghad-dannu ta' Romina Micallef, u terzi persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna, bil-hin, bil-lok u dan *ai termini* tal-Artikolu 261, 264, 265, 267, 268, 270, u 269 takl-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar akkuzata talli nhar l-24 ta' Mejju, 2006, u fix-xhur ta' qabel, gewwa Birkirkara, u f'inhawi ohra, f'dawn il-Gzejjer Maltin:

2. Ikkomettiet serq ta' proprjeta', cioe' hames *mobile phones* tal-ghamla *Nokia, mobile phone* tal-ghamla *Panasonic*, *mobile phone* tal-ghamla *Omnitel*, u diversi portafolji (*wallets*), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, u dan *ai termini* tal-Artikolu 261, u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli volontarjament hassret, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlet hsara f'*SIM card* liema hsara ma taccedix il-Lm50.00 (hamsin lira maltin), imma izjed minn Lm10.00 (ghaxar liri maltin), u dan *ai termini* tal-Artikolu 325(c) tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli xjentement, laqghet ghandha jew xtrat, hwejjeg misurqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun,k indahlet saibex tbiegh jew tmexmi dawn l-oggetti, *ai termini* tal-Artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli wara li kienet taf li xi haga kienet fil-pussess taghha, u cioe' portafol (*wallets*), kienet xi haga misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, naqset li tgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienet saret taf.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien rikjest mill-Ligi biex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 261, 264, 265, 267, 268, 269, u 270, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 334 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputata Anne Gatt hatja tal-akkuzi kif dedotti kontieha u tordna li titiqieghed taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------